# IL-POLITIKA KOMUNI TAT-TRASPORT: ĦARSA ĠENERALI

Il-politika tat-trasport ilha tagħmel parti mill-oqsma ta' politika komuni għal aktar minn 30 sena. Flimkien mal-ftuħ għall-kompetizzjoni tas-swieq tat-trasport u l-ħolqien tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport, il-mudell ta' "mobilità sostenibbli" se jikseb importanza dejjem akbar, b'mod partikolari fid-dawl taż-żieda kostanti fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport, li thedded li jiġu kompromessi l-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex tikseb l-għanijiet tagħha dwar il-klima.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 4(2)(g), u t-Titolu VI tat-TFUE. Sa mit-Trattat ta' Ruma l-Istati Membri enfasizzaw l-importanza ta' politika komuni tat-trasport billi ddedikaw titolu separat għaliha. Għalhekk, it-trasport kien wieħed mill-ewwel oqsma ta' politika komuni tal-Komunità. L-ewwel prijorità kienet il-ħolqien ta' suq tat-trasport komuni, li ppermetta l-libertà li wieħed joffri servizzi, u l-ftuħ tas-swieq tat-trasport. Dan l-għan intlaħaq sew, għaliex anki s-swieq domestiċi tal-ferrovija nfetħu b'ritmu stabbli għall-kompetizzjoni. Waqt li s-swieq tat-trasport jinfetħu, huwa vitali li jinħolqu kundizzjonijiet ġusti għall-kompetizzjoni kemm fi ħdan metodi individwali tat-trasport, kif ukoll bejniethom. Għalhekk, l-armonizzazzjoni akkwistat importanza dejjem akbar, u issa tkopri liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, u l-ambjent teknoloġiku, soċjali u fiskali li fih jiġu forniti s-servizzi tat-trasport. Il-volumi tal-beni u l-passiġġieri ttrasportati żdiedu b'riżultat tat-tlestija tas-suq intern Ewropew, l-abolizzjoni tal-fruntieri interni, it-tnaqqis fil-prezzijiet għat-trasport b'riżultat tal-ftuħ u l-liberalizzazzjoni tas-swieq tat-trasport, kif ukoll it-tibdil fis-sistemi tal-manifattura u l-ġestjoni tal-istokkijiet. Settur tat-trasport dinamiku u b'suċċess ekonomiku qed jiffaċċja restrizzjonijiet soċjali u ambjentali dejjem aktar stretti, u għaldaqstant il-mudell ta' "mobilità sostenibbli" sar importanti aktar minn qatt qabel.

Minkejja l-isforzi kollha magħmula, il-politika Ewropea tat-trasport għadha qed tiffaċċja sfidi kbar f'dik li hija sostenibbiltà. Is-settur tat-trasport huwa responsabbli għal madwar kwart mit-total tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra kkawżati mill-attività tal-bniedem fl-UE. Barra minn hekk, it-trasport huwa l-uniku settur fl-UE li l-emissjonijiet tiegħu ta' gass b'effett ta' serra żdiedu mill-1990 'l hawn. Għal din ir-raġuni l-White Paper tal-2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144) irrakkomandat tnaqqis ta' 20% fl-emissjonijiet tat-trasport (esskluż it-trasport marittimu internazzjonali) bejn l-2008 u l-2030 u tnaqqis ta' mill-inqas 60% bejn l-1990 u l-2050. Talbet ukoll tnaqqis fl-emissjonijiet tat-trasport marittimu internazzjonali ta' 40% bejn l-2005 u l-2050. Il-White Paper tal-2011 talbet li l-karburanti sostenibbli b'livell baxx tal-

karbonju jkopru 40% tal-użu fl-avjazzjoni sal-2050, u tkellmet favur kambjament ta' 50% lil hinn mill-vetturi li jaħdmu bil-karburant konvenzjonali fit-trasport urban sal-2030, bil-għan li dawn jitneħħew kompletament b'mod gradwali sal-2050.

Dawn l-objettivi għadhom 'il bogħod ħafna mill-mira stabbilita fil-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Klima (magħrufa wkoll bħala "COP21") f'Diċembru 2015: it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-inqas b'20% bejn l-2021 u l-2030. Anki jekk dawn jinkisbu, dan ifisser li fl-2030 l-emissjonijiet mit-trasport (bl-esklużjoni tat-trasport internazzjonali bil-baħar) xorta jkun 4.5% 'l fuq mil-livelli tal-1990, u fl-2050 l-emissjonijiet mit-trasport internazzjonali bil-baħar ikunu biss 9.5% taħt il-livelli tal-1990. Ir-realiżmu se jirriżulta li jkun importanti daqs l-ambizzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u ambjentali li qed tiffaċċja l-politika komuni tat-trasport, u b'hekk dan jgħin biex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'mod drastiku. Is-settur tat-trasport, għalhekk, jeħtieġ li juża inqas enerġija u enerġija aktar nadifa, jisfrutta l-infrastruttura moderna b'mod aktar effettiv, u jnaqqas l-impatt tagħha fuq l-ambjent.

## LINJI GWIDA ĠENERALI TAL-POLITIKA

It-triq 'il quddiem lejn leġiżlazzjoni komuni fis-settur tat-trasport infetħet biss meta l-Parlament ħa azzjoni legali kontra l-Kunsill għal nuqqas ta' azzjoni. Fis-sentenza tagħha fil-Kawża 13/83 tat-22 ta' Mejju 1985, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ħeġġet lill-Kunsill jieħu azzjoni u b'hekk jibda jiżviluppa politika komuni ġenwina tat-trasport.

Fit-2 ta' Diċembru 1992, il-Kummissjoni adottat il-White Paper tagħha dwar l-iżvilupp futur tal-politika komuni tat-trasport (COM(1992)0494). Hija ffavoriet il-ftuħ tas-swieq tat-trasport bl-estensjoni tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport, it-titjib fis-sikurezza u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet soċjali. Fl-istess ħin, hija rrappreżentat bidla deċiżiva lejn approċċ intermodali integrat, ibbażat fuq il-mudell ta' "mobilità sostenibbli". Il-White Paper sussegwenti tat-22 ta' Lulju 1998 bl-isem "Fair payment for infrastructure use: a phased approach to a common transport infrastructure charging framework in the EU" ("Ħlasijiet ġusti għall-użu ta' infrastrutturi: approċċ fi stadji għat-twaqqif ta' qafas komuni fil-qasam tal-iffissar ta' prezzijiet ta' infrastrutturi tat-trasport fl-UE") (COM(1998)0466), ġibdet l-attenzjoni lejn id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fil-ħlasijiet għas-servizzi tat-trasport, u li dan kien qed iwassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fit-trasport intramodali u intermodali.

## L-IMPLIMENTAZZJONI

Fil-White Paper ta' Settembru 2001, bl-isem "European Transport Policy for 2010: Time to decide" ("Il-Politika Ewropea tat-Trasport: iż-Żmien li Niddeċiedu") (COM(2001)0370), il-Kummissjoni analizzat il-problemi u l-isfidi li l-politika Ewropea tat-trasport kienet qed tiffaċċja – b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir imminenti tal-UE lejn il-Lvant dak iż-żmien. Hija pprevediet żieda kbira ħafna fil-volum tat-traffiku, ħaġa li timxi id f'id mal-konġestjonijiet tat-traffiku (b'mod partikolari, fil-każ tat-traffiku bit-triq u bl-ajru, kif ukoll żieda fil-kostijiet marbuta mas-saħħa u l-ambjent. Il-Kummissjoni ressqet pakkett ta' 60 miżura li kienu ddisinjati biex jeliminaw ir-rabta bejn it-tkabbir fl-ekonomija u ż-żieda fit-traffiku u biex jiġi miġġieled it-tkabbir inugwali bejn il-modi varji tat-trasport. L-għan tal-din il-White Paper kien li jiġi stabilizzat ukoll il-proporzjon tat-

traffiku kopert mill-ferrovija, in-navigazzjoni interna u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra fil-livelli tal-1998. Dan l-għan kellu jinkiseb permezz ta' miżuri biex it-trasport bil-ferrovija jingħata ħajja ġdida, biex jiġi promoss it-trasport bil-baħar u dak permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, u biex tissaħħaħ l-interkonnessjoni tal-modi kollha tat-trasport. Barra minn hekk, saret enfasi fuq il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-linji gwida għan-Netwerks Trans-Ewropej (ara l-iskeda informattiva dwar it-TEN-T 3.5.1), bil-ħsieb li jiġu adattati għad-domandi ta' UE estiża u biex jiġu mħeġġa sforzi anki akbar biex jiġu eliminati l-punti ta' konġestjoni transfruntieri. Il-White Paper tal-2001 iffokat ukoll fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-utenti tat-trasport, ipprovdiet pjan ta' azzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, u kkonsolidat id-drittijiet tal-utenti u t-trasparenza fil-kostijiet permezz tal-armonizzazzjoni tal-prinċipji tal-iffissar ta' prezzijiet.

L-UE nediet ukoll proġetti teknoloġiċi ambizzjużi, bħas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita, Galileo, is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) għal titjib fl-infrastruttura tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

F'Ġunju 2006, il-Kummissjoni ppreżentat valutazzjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tal-2001 (COM(2006)0314), bl-isem "Inżommu lill-Ewropa miexja – Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna". Il-Kummissjoni kienet diġà ddikjarat li l-miżuri proposti fl-2001 ma kinux komprensivi biżżejjed biex jinkisbu l-objettivi stipulati; għaldaqstant ġew introdotti strumenti ġodda, li jinkludu:

a. pjanijiet ta' azzjoni għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, biex jiġu introdotti sistemi intelliġenti tat-trasport fl-Ewropa u għall-mobilità urbana;
b. Naiades u Naiades II, Programm ta' Azzjoni Ewropew integrat għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni;
c. għanijiet strateġiċi u rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018.

F'Lulju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat il-"Greening Transport Package" (il-pakkett "Nagħmlu t-Trasport aktar Ekoloġiku"), fejn iffokat fuq strateġija biex tinternalizza l-kostijiet esterni tat-trasport. Dan il-pakkett kien jinkludi tliet komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva 1999/62/KE, magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar l-"Eurovignette" (ara l-iskeda informattiva dwar "Trasport bit-Triq: l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni" 3.4.3).

Ir-riżultati tad-dibattitu dwar il-futur fit-tul tat-trasport (b'ħarsa 'l quddiem ta' 20 sa 40 sena ) li tnieda fil-White Paper tal-2001 ġew ippreżentati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Futur sostenibbli għat-trasport: lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment" (COM(2009)0279).

Il-Kummissjoni ppubblikat il-White Paper tagħha tal-2011 dwar il-ġejjieni tat-trasport matul il-perjodu sal-2050, bl-isem "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144) fit-28 ta' Marzu 2011. Il-Kummissjoni ddeskriviet l-isfidi għat-trasport qodma u ġodda u spjegat metodi kif dawn l-isfidi jistgħu jintlaqgħu. Fost l-għaxar objettivi inklużi fil-White Paper tal-2011, il-Kummissjoni inkludiet l-istabbilment ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport billi neħħiet l-ostakli kollha li kien

għad fadal bejn il-modi u s-sistemi nazzjonali, billi ffaċilitat il-proċess ta' integrazzjoni, u għenet biex jiġu stabbiliti operaturi multinazzjonali u multimodali. Sabiex jiġu evitati t-tensjonijiet u d-distorsjonijiet, il-mira kienet favur grad ta' konverġenza u ta' infurzar ogħla tar-regoli soċjali, ir-regoli dwar is-sikurezza u s-sigurtà, kif ukoll dwar l-ambjent. Fl-1 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat rapport, fil-forma ta' dokument ta' ħidma (SWD(2016)0226) dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' 10 snin tal-White Paper tal-2011. L-Anness II jinkludi valutazzjoni komprensiva tal-attivitajiet li twettqu sa dak il-mument.

Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni intitolata "Strateġija Ewropea għal mobilità b'emissjonijiet baxxi" (COM(2016)0501), li fiha pproponiet miżuri biex taċċelera d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport Ewropew. L-istrateġija għandha l-għan primarjament li tintlaħaq mira ta' emissjonijiet żero, kif stabbilit fil-White Paper tal-2011 dwar il-futur tat-trasport, bil-ħsieb li tikkontribwixxi b'mod adegwat għall-kisba tal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi COP 21.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Minbarra li tipprovdi appoġġ attiv għal-liberalizzazzjoni tas-swieq tat-trasport u l-mudell tal-"mobilità sostenibbli", il-Parlament kompla jenfasizza l-ħtieġa li dan jiġi kkombinat mal-armonizzazzjoni komprensiva tal-ambjent soċjali, fiskali u teknoloġiku u tal-istandards tas-sikurezza.

Fit-12 ta' Frar 2003, il-Parlament adotta Riżoluzzjoni dwar il-White Paper tal-Kummissjoni 2001 "European Transport Policy for 2010: a time to decide" ("Il-Politika Ewropea tat-Trasport: żmien li niddeċiedu") (COM(2001)0370). Ir-riżoluzzjoni enfasizzat is-sostenibbiltà bħala l-pedament u l-istandard tal-politika Ewropea tat-trasport, u l-importanza li tinħoloq sistema globali integrata tat-trasport. Dan kellu jsir mingħajr ma tiġi mminata l-kompetittività tat-trasport bit-triq, u fuq il-bażi ta' ffissar ta' prezzijiet ġusti li jkopri l-kostijiet tal-infrastruttura u dawk esterni għal kull mod tat-trasport. Il-Parlament għamel numru kbir ta' proposti speċifiċi li jkopru kull mod individwali ta' trasport, is-sikurezza tat-trasport, l-iskeda ta' żmien għat-tlestija u l-iffinanzjar għat-TEN-T, koordinazzjoni aktar effettiva ma' oqsma oħra tal-politika tal-UE, u suġġetti oħra relatati mat-trasport.

Fil-25 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper bl-isem "Lejn kultura ġdida għall-mobilità urbana (COM(2007)0551), li Parlament kompla fuqha billi adotta riżoluzzjoni fid-9 ta' Lulju 2008 taħt l-istess titlu. Il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni oħra fit-23 ta' April 2009 bl-isem "Pjan ta' azzjoni għall-mobilità urbana". Fost affarijiet oħra, il-Parlament talab approċċ Ewropew integrat għall-mobilità urbana, li għandu jservi bħala qafas ta' referenza komuni għall-atturi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-Kummissjoni wieġbet għal din it-talba ftit wara b'komunikazzjoni li ġabet l-istess titolu, "Pjan ta' Azzjoni dwar it-mobilità urbana (COM(2009)0490), ippubblikata fl-20 ta' Settembru 2009.

B'reazzjoni għal komunikazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni intitolata "Flimkien lejn mobilità urbana kompetittiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi" (COM(2013)0913), ippubblikata fis-17 ta' Diċembru 2013, il-Parlament, fit-2 ta' Diċembru 2015, adotta riżoluzzjoni bit-titolu "Mobilità urbana sostenibbli". Fir-riżoluzzjoni, l-Istati Membri u l-

ibliet huma mħeġġa jfasslu pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli li jagħtu prijorità lill-modi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, lill-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi u lis-sistemi intelliġenti tat-trasport. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew imħeġġa jistabbilixxu eżempji ta' skambju tal-aħjar prattika tal-ġestjoni tat-territorju u l-użu tal-ispazji rilevanti għall-istabbiliment ta' netwerk tal-mobilità sostenibbli, kif ukoll biex iniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika li jippromwovu l-mobilità sostenibbli. L-ibliet ġew imħeġġa jipparteċipaw fi "Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Ibliet u l-Komunitajiet Intelliġenti".

Wara komunikazzjoni mill-Kummissjoni (COM (2009)0279) bit-titolu "Futur sostenibbli għat-trasport: Lejn sistema integrata, immexxija mit-teknoloġija u li tista' tintuża faċilment", il-Parlament adotta riżoluzzjoni fis-6 ta' Lulju 2010 dwar futur sostenibbli għat-trasport. Dan it-test ħares 'il quddiem għall-White Paper ġdida tal-2011, u l-Parlament wieġeb ukoll għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni billi ressaq lista wiesgħa ta' talbiet li jkopru l-ispettru sħiħ tal-politika tal-UE dwar it-trasport.

Il-Parlament adotta żewġ riżoluzzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tal-White Paper tal-2011. L-ewwel waħda kienet riżoluzzjoni adottata fil-15 ta' Diċembru 2011, bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti". F'din ir-riżoluzzjoni, il-Parlament ivvaluta l-objettivi ewlenin definiti fil-White Paper tal-2011 u ta approvazzjoni parzjali għall-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħha. Fir-rigward tal-istabbiliment ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport sal-2020, ir-riżoluzzjoni saħqet fuq il-potenzjal tat-trasport li għadu ma ġiex esplorat biżżejjed f'bosta oqsma u enfasizzat l-importanza ta' sistema li tiffoka fuq l-interkonnessjoni u l-interoperabilità. Il-Parlament approva l-għaxar objettivi għal sistema tat-trasport kompetittiva u effiċjenti fir-riżorsi u l-miri stipulati fil-White Paper għall-2030 u l-2050.

Fid-9 ta' Settembru 2015, il-Parlament adotta riżoluzzjoni ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-White Paper tal-2011 intitolata: "It-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobilità sostenibbli". Fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu, fl-1 ta' Lulju 2016 il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma (SWD(2016)0226) intitolat "The implementation of the 2011 White Paper on Transport — five years after its publication: achievements and challenges" ("L-implimentazzjoni tal-White Paper tal-2011 dwar it-Trasport – ħames snin wara l-pubblikazzjoni tagħha: kisbiet u sfidi"). Il-Parlament stieden lill-Kummissjoni żżomm għall-inqas l-istess livell ta' ambizzjoni bħal fil-miri oriġinali. Aktar minn hekk, il-Parlament enfasizza li kien hemm ħafna xogħol xi jsir fil-livell operazzjonali u finanzjarju biex jintlaħqu dawn il-miri. Huwa talab lill-Kummissjoni tipproponi miżuri leġiżlattivi addizzjonali u strateġija komprensiva għall-iżvilupp ta' trasport b'livell baxx ta' karbonju sabiex l-objettiv ta' tnaqqis ta' minimu ta' 60% tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mit-trasport ikun jista' jintlaħaq sal-2050). Il-Parlament għamel sensiela ta' rakkomandazzjonijiet bil-għan li tinkiseb l-integrazzjoni bejn il-modi kollha tat-trasport biex tinkiseb sistema tat-trasport aktar effiċjenti, sostenibbli, kompetittiva, aċċessibbli u favorevoli għall-utenti. Il-punti prinċipali kienu jinkludu l-bidla modali u l-komodalità, infrastruttura moderna u finanzjament intelliġenti, il-mobilità urbana, il-kunċett li l-utenti jkunu fiċ-ċentru tal-politika tat-trasport u d-dimensjoni globali tat-trasport. Id-Dipartiment Tematiku tal-Parlament għall-Politiki

Strutturali u ta' Koeżjoni reċentement ippubblika studju intitolat "Modal shift in European transport: a way forward" ("Bidla modali fit-Trasport Ewropew: it-triq il' quddiem").

Barra minn hekk, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar strateġija Ewropea għall-mobilità b'emissjonijiet baxxi adottata f'Diċembru 2017, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa li s-settur tat-trasport jagħti kontribut akbar għall-miri klimatiċi. F'dan il-kuntest, enfasizza, fost aspetti oħra:

- il-ħtieġa ta' investiment fil-multimodalità u t-trasport pubbliku;
- il-ħtieġa li jintbagħtu sinjali tal-prezzijiet aktar ċari fil-modi kollha tat-trasport sabiex ikunu riflessi aħjar il-prinċipji ta' min iniġġes iħallas u li l-utent iħallas;
- ir-rwol tad-diġitalizzazzjoni fil-mobilità sostenibbli.

Il-Parlament talab ukoll approċċ aktar ambizzjuż għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport milli kien propost fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u l-ħolqien ta' inċentivi għall-introduzzjoni ta' karburanti alternattivi sostenibbli għal dawk il-modi tat-trasport li attwalment m'għandhomx alternattivi għall-karburant likwidu. Wara komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Għall-akbar użu ta' fjuwils alternattivi – Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi" (COM (2017)0652), f'Ottubru 2018 il-Parlament adotta riżoluzzjoni li tistieden lill-Kummissjoni tressaq reviżjoni tad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi u biex tiffoka fuq l-implimentazzjoni xierqa tagħha.

Il-Parlament laqa' wkoll il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Fi triqitna lejn il-mobilità awtomatizzata" (COM(2018)0283), iżda f'riżoluzzjoni tal-15 ta' Jannar 2019 enfasizza li l-atturi Ewropej kellhom jingħaqdu biex jassumu rwol minn ta' quddiem fid-dinja fit-trasport awtonomu 2018/2089(INI)..

Esteban Coito / BENJAMIN KLAUS WILHELM BLASER
02/2020